**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002**

**Numru 10**

**Avviz. numru 1433/01JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess George Portelli**

**vs**

**Ruth Mangion**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf mija erbgha u sebghin lira Maltija u tlieta u sebghin**

**centezmu (Lm1174.73), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur George Portelli, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) kif ukoll tmienja u tmenin lira Maltija (Lm88.00) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess George Portelli, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Lulju, 1999, fil-5.25pm gewwa Winter Street, Qormi, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur George Portelli, bin-numru ta' registrazzjoni EAX442 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAP231, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 2001, u ta' dik mibghuta kontestwalment lis-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Rachel Montebello ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija erbgha u sebghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm1174.73), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Novembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 2001, u ta' dik mibghuta kontestwalment lis-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**